**7 ta' Mejju, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Gunner No. 4333 Anthony Attard

**Football — Imħatra — Tentattiv — Art. 352(gg) tal-Kodiċi Kriminali — G.N. 497/1938.**

*Il-liġi tikkolpixxi l-fatt ta' kull min jagħmel imħatra dwar ir-riżultat tal-logħob tal-football; imma l-offerta biss ma tammontax għal daqshekk. jekk ma jkunx hemm xi prova li ħadd ieħor aċċetta dik l-offerta, b'mod li bejn it-tnejn tkun saret imħatra. Jekk jirriżulta biss tentattiv, billi l-imputat ikun sempliċement offra mħatri. l-istess mhuwiex kolpit mill-liġi. Għax l-imputazzjoni hi ta' kontravvenzjoni, u t-tentattiv ta' kontravvenzjoni ma hux punibbli.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat, talli fl-Empire Stadium, il-Gżira, f'dawn l-aħħar tliet xhur, fi żmienijiet differenti, waqt diversi logħobiet tal-football, għamel imħatri għall-flus fuq ir-riżultat tad-diversi logħobiet tal-football, u b'hekk kiser il-provvedimenti tal-art. 352(gg) tal-Kodiċi Kriminali u n-Notifikazzjoni tal-Gvern 497 tal-1938;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-23 ta' Frar 1960, li biha sabitu ħati tar-reat miġjub kontra tiegħu, u kkundannatu £3 ammenda u ordnat il-konfiska tal-flus eżibiti;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirriżulta li x'ħin il-Pulizija, fit-18 ta' Frar 1960, għamlet "raid" fl-Empire Stadium, xi tliet minuti wara li bdiet il-logħoba bejn it-team tal-Hibernians u dak tal-Furjana, u pperkwiżiet diversi persuni li kienu f'dik is-sezzjoni tal-Istadium fejn soltu jsir il-logħob, l-imputat kien wieħed mil-perkwiżiti, u fuqu nstabu £56 mitwijin f'diversi ammonti, ċjoè £1, £13, £1, £1 oħra, £5, £3, u £32— kull ammont mitwi għalieh. L-imputat spjega li kellu dik is-somma fuqu biex ibiddilha fi flus ingliżi, peress li kellu t-tifel sejjer l-Awstralja;

Jirriżulta wkoll li ftit qabel il-perkwiżizzjoni l-imputat kien qed jiġri qalb in-nies jgħajjat "Min irid il-wieħed?" — liema kliem, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, jammontaw għal dak li jissejjaħ "shouting the odds";

Hu ċar li l-ispjegazzjoni tal-imputat, fil-kwadru tal-fatti, ma hix soddisfaċenti; għaliex ma hijiex ħaġa naturali li hu jġorr miegħu dik is-somma ta' flus biex issarrafha flus ingliżi meta jmur, suppost, biex jara partita football. Barra minn hekk, il-kliem li kien qed jgħid l-imputat, fuq l-isfond tal-każ u fuq l-isfond tal-pussess ta' dik is-somma, huma sinifikattivi;

Hu ċert, għalhekk, li l-imputat kien qiegħed jagħmel offerta ta' mħatra fuq il-partita football fuq imsemmija, bil-hekk imsejħa "odds" indikati bil-kliem li kien qed jgħajjat;

Issa, il-liġi (inċiż (gg) tal-art. 352 Kap. 12) tikkolpixxi l-fatt ta' min kull min jagħmel imħatra, u l-offerta biss ma tammontax għal daqshekk, jekk ma jkunx hemm xi prova li ħadd ieħor aċċetta dik l-offerta, b'mod li bejn it-tnejn tkun saret imħatra. F'dan il-każ, ma hemm ebda prova ta' xi aċċettazzjoni, kif kien hemm fil-każ, distingwibbli, App. Krim. "Pul. vs. Grima". 31 ta' Mejju 1958, ċitat mill-Prosekuzzjoni, li fih din il-Qorti, fl-eżami tal-

provi, wara li rrilevat iċ-ċirkustanza li l-imputat ta' allura kien instemgħa jgħajjat "min irid wieħed u draw?", kienet żiedet il-kliem "mbgħad x'uħud aċċettaw u kien hemm passaġġ ta' flus f'idejn l-imputat". Hu ċar li, biex ikun hemm imħatra, jeħtieġ li jkun hemm offerta u aċċettazzjoni; għaliex il-konċett ta' mħatra jirrakkjudi bilfors dak ta' perdent u vinċitur (ara art. 1810 Kod. Ċiv. Kap. 23 Ediz. Riv. taħt it-Titolu "Fuq il-Logħob u l-Imħatri"). Il-kliem tal-Order magħmul bin-Notifikazzjoni tal-Gvern No. 497 tal-1938, ċjoè "betting on the result of or in connection with any football match etc." ma jistax ikollu sinifikat aktar ampju mill-kliem tal-inċiż; għaliex dak l-Order ġie maħruġ bis-saħħa tal-istess inċiż, u kwindi ma jistax imur aktar mill-"enabling law", għax inkella jkun "ultra vires";

Jiġi, għalhekk, li dak li ġie pruvat f'din il-kawża huwa biss tentattiv li ssir imħatra mill-parti tal-imputat;

Issa, l-imputazzjoni hi ta' kontravvenzjoni taħt l-art. 352 (gg) tal-Kap. 12; u skond il-liġi — art. 42(2) ibidem — ma hux punibbli tentattiv ta' kontravvenzjoni, ammenokkè ma jkunx dikjarat tali espressament mill-liġi; dak li ma hux il-każ hawnhekk;

Kwindi l-fatt pruvat għak-kariku tal-imputat mhuwiex punibbli;

Forsi hu l-każ li dan il-pont (li talvolta jammonta għal lakuna "in subjecta materia") jiġi studjat "in lega condenda"; anzi forsi hu deżiderabbli li din il-materja tal-"betting" tiġi ordinata kollha kemm hi mill-ġdid, u mhux limitata kif inhi attwalment għal din is-sempliċi dispożizzjoni tal-inċiż fuq imsemmi; u dan sabiex il-Pulizija tista' tiġi aġevolata fl-iskopriment u prosekuzzjoni b'suċċess ta' dan ir-reat, li bla dubju jikkostitwixxi pjaga serja ferm fl-iżvilupp sportiv tal-pajjiż;

Għalhekk tiddeċidi billi takkolji l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-imputat mhux ħati, u tordna li jiġi liberat.